MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**

**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 244/2004

**Avviz numru 244/04 DM**

**Philip u Girolama maghrufa ahjar bhala Gila konjugi Agius**

Vs

**Martin u Filippa konjugi Chetcuti**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (LM4,500) rappresentanti arrikkiment indebitu li sar mill-konvenuti a dannu ta' l-atturi in konnessjoni ma' ftehim li ma mmaterjalizzax ruhu bejn il-konvenuti u bejn l-atturi in konnessjoni ma' l-akkwist ta' l-art *ossia* parti diviza mill-ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Paranku' sive 'Ta' l-Gharbi' f' Haz Zebbug u dana hekk kif se jipprovaw l-atturi waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 908/04 ippresentat kontestwalment mal-presenti Avviz uta' l-ittra legali datata 15 t' April, 2004, bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew illi:

I.Preliminarjament illi l-azzjoni kkontemplata mill-atturi hija preskritta *az termini* ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2.Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stant illi l-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti definittivament stabbiliti huma s-segwenti:

1. B’konvenju tal-20 ta Dicembru 2000, il-konvenuti intrabtu li jixtru u jakkwistaw minn ghand Roasario Gatt u martu, vendituri, zewg porzjonijiet divizi mill-ghalqa “Ta Paranku” f’Haz-Zebbug, versu l-prezz komplessiv ta LM34,000 li kien digia mhallas mill-konvenuti lill-vendituri minn qabel ma gie iffirmat il-konvenju (Dok PA2).
2. Dan il-konvenju li kellhu forza u validita’ legali ghal zmien ta sitt xhur, skada u tilef kull effett fid-19 ta Gunju 2001.
3. Ftit ta zmien qabel Jannar 2002, id-data li fiha giet ittrasferita il-vettura Toyota Tercel Numru ABG 851 mill-atturi lill-konvenuti, sar ftehim verbali bejn l-attur Philip Agius u l-konvenut Martin Chetcuti permezz ta liema l-konvenut obbliga ruhhu li jbiegh lill-istess attur wahda mill-porzjonijiet divizi bil-prezz ta LM35000.
4. Ma dan il-ftehim verbali il-konvenut ippermetta lill-attur li ghamel uzu mill-istess porzjoni ta art.
5. F’Jannar 2002 l-attur ikkompletaw it-trasferiment tal-vettura Numru ABG 851 lill-konvenuti ta’l-valur ta LM4500 biex dan il-valur iservi bhala hlas lill-konvenuti mill-atturi relattivament ghan-negozju pendenti bejniethom.
6. Il-konvenju tal-20 ta Dicembru 2000 skada fid-19 ta Gunju 2001, is-sid Rosario Gatt irrifjuta li jgedded il-forza legali u l-effetti tieghu u spicca biex hallas lura lill-konvenuti il-prezz intier minnhom imhallas.
7. L-attur sar jaf li l-konvenju ta Chetcuti skada u li s-sid ma kienx ser jonorah meta “*kien lahaq skada b’xi sentejn”* (deposizzjoni ta Rosario Gatt) ghalhekk ghal habta ta Gunju 2003 – L-attur isosstni li seta kien Frar 2003.

Il-konvenuti qedghin jikkontestaw it-talba attrici ghar-rifuzjoni tas-somma ta LM4500, il-valur tal-vettura ittrasferita, kemm minhabba il-fatt illi l-azzjoni tinsab preskritta bl-iskadenza ta sentejn minn meta l-attur skopra li l-ftehim minnhu ntiz ma setghax izjed isehh a tenur ta l-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 kif ukoll fil-meritu bil-jsosstni li l-vettura ta valur ta LM4500 giet ittrasferita mhux bhala pagament akkont ta'l-prezz ta'l-porzjon art in kwistjoni izda in sodisfazzjoni ta'l-kumpens miftiehem biex huwa, l-konvenut, kkonceda lill-attur il-pussess u l-uzu ta'l-art li kienet intiza li tkun ittrasferita.

L-istess konvenut isemmi ukoll xi dritt li ghandhu li jezigi l-hlas ta xi danni minn ghand l-attur pero huwa stess jirrikonoxxi li dawn id-danni pretizi ghadhom mhux certi jew likwidi, lanqas skaduti u ma kien ghamel ebda azzjoni gudizzjarja biex jigi kanonizzat kreditur ta'l-atturi. Ghalhekk tali tpacija ma tistax tigi ikkunsidrata.

Dwar il-presrizzjoni ta sentejn eccepita, jirrizulta li din il-kawza nbdiet fis-6 ta Mejju 2004 u ghalhekk kien jinkombi fuq l-istess konvenut li jipprova li l-atturi kienu accertati li n-negozju intiz sfratta qabel Mejju 2002 u wara Jannar 2002 meta l-atturi ittrasferew il-vettura bl-intendiment li dan kien sar akkont ta'l-prezz tal-bejgh miftiehem. Iktar u iktar meta l-provi sa dak inhar li xehed kienu jindikaw l-ewwel xhur tas-sena 2003.

Pero', mhux talli ma pprovda xi verzjoni differenti, izda huwa stess jirrikonoxxi li setghu ghaddew sena u nofs wara l-ftehim ma Agius (kemm dam jistenna biex Agius igiblu l-flus) u ghalhekk zgur sa Gunju 2002 huwa jaccetta li kien ghadhu qed jillusinga lill-atturi u jippretendi li n-negozju kien ghadhu jista jsehh.

Ghalhekk l-azzjoni attrici pprezentata f'Mejju 2004, giet istitwita entro s-sentejn stabbiliti mill-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 u konsegwentement tirrespingi l-eccezzjoni ta' l-preskrizzjni sollevat mill-konvenuti.

Dwar il-meritu ftit hemm fuq xiex wiehed jista jiddilunga. Hija infatti allegazzjoni verament stramba li wiehed

jippretendi li jithallas somma ta LM4500 bhala kumpens talli jikkoncedi l-uzu ta porzjoni art lill-prospettiv xerrej ghal dawk il-ftit gimghat sakemm jigi ffinalizzat il-bejgh, meta l-istess uzu kien ukoll jezigi r-riskju tal-istess prospettiv xerrej li jinvesti f'benefikati permanenti fuq beni ta terzi.

Iktar tirrizulta inverosimili din il-pretensjoni ta'l-konvenut meta wiehed jikkunsidra li l-art *de quo* kienet proprjeta' ta terzi u mhux tieghu biex jghati xi drittijiet fuqgha; lanqas almenu huwa stess ma kien gie moghti l-pussess ta l-art mis-sid ghal matul iz-zmien ta' l-konvenju.  Ghalhekk il-konvenut kien assolutament prekluz milli jghamel tali koncessjon validament u wisq iktar prekluz milli jippretendi xi kumpens ghal dak li ma setghax jghamel legalment .

Pero' anke l-konvenut stess jirrikonoxxi debolezza ta'l-argument tieghu u infatti fl-ahhar strah ukoll fuq it-tpacija ma xi danni biex iggustifika rrifjut li jirrifondi l-valur percepit. Tpacija pero' li ma tistax issehh.

Ghalhekk l-unika spjegazzjoni logika ghat-trasferiment ta'l-vettura mill-atturi lill-konvenuti hija dik li timplika li dan it-trasferiment kien purament pagament akkont ta'l-prezz ta'l-art intiza ghall-bejgh fis-somma ta LM4500.

Ir-rifuzjoni ta din is-somma fuq kollox setghet tigi mitluba mill-attur f'kwalunkwe zmien billi qatt ma kien hemm vinkolu legali bil-kitba bejn il-partijiet ghat-trasferiment ta'l-art; u lanqas ma setgha qatt ikun hemm, peress illi fuq il-konvenju taghhom il-konvenuti lanqas ma kienu almenu rriservaw id-dritt li jressqu lill-atturi jew terza persuna ohra fuq il-kuntratt definitiv sabiex dawn setghu jixtru biss parti mill-art minflokom direttament minn ghand is-sid.

Mbaghad ir-rifuzjoni kellha ssir bil-fors meta l-konvenju skada u l-bejgh ma baqaghx iktar possibbli; meta ukoll l-istess konvenut kien rcieva lura minn ghand is-sid il-prezz li kien hallas u meta l-atturi gew sgumbrati mill-art *de quo.*

Ghalhekk fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet ta'l-konvenuti fil-meritu, tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-

atturi s-somma mitluba ta erba telef  hames mitt lira (LM4500) bl-imghax legali b'effett mis-6 ta Mejju 2004.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------